**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SITT LEGISLATURA  2008 - 2013

**SEDUTA NUMRU 39**

IT-TLIETA 28 TA' FRAR 2012 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREZENTI**

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VICI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I MOZZJONIJIET

i Mozzjoni Numru 16 - Suggett: Passi Dixxiplinarji fuq Staff

| | | |
|---|---|---|
| Proponent: | Antoinette Vassallo | Sindku |
| Sekondant: | Anton Farrugia | Vici Sindku |
| Sekondant: | Frank Roe | Kunsillier |

Il-Kunsillieri A. Cachia Castelletti u E. Muscat oggezzjonaw ghal din il-mozzjoni u qalu li din diga' giet diskussa f'laqgha precedenti u m'ghaddietx u ghalhekk ma tistax terga' titressaq. Is-Sindku qalet li din il-materja vera giet diskussa pero' qatt ma kienet notifikata fuq l-agenda u ma kienx inhareg avviz ta' mozzjoni hekk kif titlob il-Ligi. Hija kompliet li izjed minn hekk qatt ma ttiehed vot fuq din il-materja. Hija qalet ukoll li qabel ma pproponiet il-mozzjoni hija hadet il-parir ta' l-Avukat tal-Kunsill. F'dan l-istadju gie kkuntattjat fuq it-telephone l-Avukat Raphael Fenech Adami. Huwa vverifika li ma kien hemm xejn irregulari fil-mozzjoni. Ghaldaqstant din giet diskussa mill-Kunsill.

Il-Kunsillier E. Muscat qal li biex skrivana titkecca trid tinkiseb l-approvazzjoni tal-Ministru. Huwa qal ukoll li korrispondenza tal-Union dwar il-kaz ma gietx ghall-attenzjoni tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv dak il-hin ipprezentat l-imsemmija korrispondenza u qalet li din kienet giet diskussa ma' l-Avukat u kienet irrelevanti ghal kaz. Hija qalet ukoll li l-istess Union irrispondiet biss fuq warning wiehed u ma qalet xejn dwar il-warnings l-ohra li nghataw.

Il-Kunsillier E. Muscat rrefera wkoll ghall-ittra tal-Lufthansa li waslet il-Kunsill ferm qabel ma din tressqet fil-Kunsill. Huwa akkuza wkoll lis-Sindku u lis-Segretarju Ezekuttiv li kellhom korrispondenza minghand l-ex Contract Manager u din qatt ma tressqet fil-Kunsill. Huwa pprezenta wkoll kopja tal-ittra msemmija. Is-Sindku qalet li dawn l-affarijiet m'ghandhom xejn x'jaqsmu mal-mozzjoni pero' se tiddiskutihom 'l quddiem peress li din l-akkuza hija wahda serja. Hija qalet ukoll li m'ghandha l-ebda oggezzjoni li tinforma lill-Ministru bil-kaz u fil-fatt diga' infurmat lid-Direttur tad-DLG f'laqgha li kellha mieghu. Il-Kunsillier E. Muscat qal li hu se jivvota kontra ghax l-imsemmija skrivana qatt ma nghatat cans tispjega ruhha quddiem il-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hi kemm il-darba ppruvat tinforma lill-Kunsill izda qatt ma inghatat widen ghal dak li qalet. Hija kompliet li ghaldaqstant infurmat b'kollox lis-Sindku biex hi tiehu hsieb timmoniterja wkoll lill-iskrivana msemmija.

Il-Mozzjoni ghaddiet bi 3 voti favor u 2 kontra.

| | |
|---|---|
| Antoinette Vassallo | Marisa Pisani |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

## II RAPPORT MILL-KUNSILLIERI

i Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti rrefera ghall-email li baghat lis-Sindku dwar id-dhul mill-multi tal-LES. Huwa qal li s-Segretarju Ezekuttiv infurmatu li minn Settembru tas-sena l-ohra 'l hawn id-dhul se jkun biss 10% ta' l-ammont tal-muklti kollha li jkunu thallsu fil-Kunsill. Dan il-hlas se jkun ta' management fee biex ikopri xi spejjes amministrattivi. Is-Sindku qalet li hija spjegat kemm il-darba li d-dhul kollu issa se jghaddi lir-Regjun u se jkun hemm skemi li minnhom il-Kunsill ikun jista' jibbenifika.

ii Is-Sindku regghet qrat il-korrispondenza tal-Lufthasna u korrisondenza ohra relevanti dwar il-kaz tal-biljett tal-iskrivana. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti talab li l-korrispondenza kollha ghandha tintbghat l-AKL u dawn ghandom jaghmlu re-inbursement tal-flus zejda li nefaq il-Kunsill. Giet diskussa wkoll il-possibilta' li dawn jinghataw in kind. Il-Kunsill qabel ma dan.

iii Dwar il-Bye Law ta' reklamar ma l-ghamara tat-toroq il-Kunsill gie nfurmat li l-MEPA rrispondiet ufficjalment u nfurmat li dawn iridu jsiru bil-permess.

iv Gie diskuss ix-xiri ta' aktar bins biex jitwahhlu fil-Lokalita'. Gie deciz li ssir kompilazzjoni ta' skecifikazzjonijiet ghal bins adattati biex wara ssir sejha ghall-offerti.

v Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti talab li ssir lista tat-tabelli tat-traffiku li jistghu jigu mwahhla fuq pole wahda.

vi Il-Kunsillieri A. Cachia Castelletti u E. Muscat ipprezentaw lista ta' lmenti/suggerimenti biex tittiehed azzjoni dwarha mill-customer care.

vii Il-Kunsillier A. Roe informa li se jsir tindif tal-culverts kollha fil-jiem li gejjien.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Ezekuttiv

**II RAPPORT MILL-KUNSILLIERI (jkompli□)**

viii Is-Sindku ressqet il-performance appraisal tas-Segretarju Ezekuttiv. Hija pproponiet li din tinghata l-massimu ta' 10%. Il-Vici Sindku A. Farrugia ssekonda. Il-votazzjoni kienet 4 favur u 1 kontra.

ix Is-Sindku nfurmat li kellha talba ta' kuntrattur biex jarma scaffolding in-naha ta' isfel ta' Triq Abate Rigord (in-naha ta' l-Imsida). Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni dwar dan u qabel li jinghata skont ta' 50%.

x Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti rega' gibed l-attenzjoni dwar trinek li qed isiru minn diversi entitajiet u mhux jigu asfaltati kif suppost.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-operations supervisor ghandu lista tax-xoghlijiet kollha li saru mill-WSC u qed jispezzjona x-xoghlijiet.

**Il-Laqgha spiccat fit-8.40p.m. u sar aggornament ghal-nhar it-Tnejn 26 ta' Marzu 2012 fil-5.30p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Ezekuttiv